



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11630/24

SOC 507
EMPL 312
EDUC 246
JEUN 206
ECOFIN 766
COMPET 770
MI 679
MIGR 307
DIGIT 174
ENV 769
FISC 157
SAN 446
GENDER 185

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2024: Nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tas-16 ta' Lulju 2024.

Semestru Ewropew 2024: Nuqqas ta' ħaddiema u hiliel fl-UE*Dibattitu ta' orjentazzjoni***In-nuqqas ta' ħaddiema u hiliel fl-UE ikompli jippersisti**

Id-data turi li madwar 80 % tal-impjegaturi fl-UE jindikaw li jsibuha diffiċli biex jirreklutaw ħaddiema bil-hiliel it-tajba. Barra minn hekk, wieħed minn kull tliet impjegati fl-UE mhux imqabbel tajjeb ma' xogħlu, bi 17 % kkwalifikati żżejjed u 13 % li mhumiex ikkwalifikati biżżejjed¹. In-nuqqas huwa partikolarment sinifikanti f'setturi bi kwalità fqira tal-impjieg² u spiss jinstab fi professjonijiet li tipikament ma jirrikjedux edukazzjoni ta' livell terziarju³.

In-nuqqas persistenti ta' ħaddiema jirriżulta frata għolja ta' postijiet tax-xogħol battala fl-UE, li laħqet rekord ta' 3 % fit-tieni kwart tal-2022, filwaqt li niżlet għal 2.6 % sal-ewwel kwart tal-2024⁴. Ir-rata ta' postijiet battala għadha partikolarment għolja f'xi Stati Membri minkejja t-tnaqqis reċenti fl-attività ekonomika minħabba problemi fil-katina tal-provvista u pressjonijiet inflazzjonarji. Dan jindika li n-nuqqas ta' ħaddiema għadu problema strutturali għas-swieq tax-xogħol tal-UE wara l-pandemija tal-COVID-19.

Iż-żieda fin-nuqqas ta' ħaddiema ma wassalx biex il-persuni mhux attivi jew dawk b'rabta mhux qawwija mas-suq tax-xogħol jidħlu lura fl-impjieg. Għalhekk, huma meħtieġa interventi mmirati biex jimmobilizzaw il-potenzjal mhux sfruttat tal-forza tax-xogħol fl-Unjoni, li jiffokaw b'mod partikolari fuq il-gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, u biex jikkomplementaw l-isforzi li jattiraw lura lejn l-impjieg individwi qiegħda kif ukoll jappoġġaw it-tranżizzjonijiet minn impjegi f'setturi li sejrini lura għal impjegi f'setturi li qed jespandu. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jmorru lil hinn mill-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u t-taħriġ, inkluż dawk relatati mal-infrastruttura u s-servizzi tal-kura, ir-riabilitazzjoni u l-adattament tal-post tax-xogħol.

¹ Data bbażata fuq l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kumpaniji tal-2019, Eurofound 2019

² Miżuri biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema: tagħlimiet għall-politika futura – rapport tal-Eurofound, 2023

³ Rapport tal-EURES dwar nuqqasijiet u eċċessi 2023, Awtorità Ewropea tax-Xogħol, 2 ta' Mejju 2024

⁴ Statistika tal-Eurostat dwar Postijiet tax-Xogħol Battala: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Job_vacancy_statistics

L-interventi mmirati lejn l-integrazzjoni ta' individwi qiegħda fis-suq tax-xogħol għandhom it-tendenza li jiffukaw fuq it-titjib tat-tqabbil ta' min qed ifittex ix-xogħol mal-offerti ta' impjieg, it-trawwim tal-mobbiltà u l-offerta ta' taħriġ, esperjenza ta' xogħol u miżuri attivi oħra tas-suq tax-xogħol. Madankollu, l-appoġġ għall-integrazzjoni tal-ħaddiema sottoimpjegati u dawk disponibbli iżda li mhumiex ifittxu x-xogħol jeħtieġ approċċ usa' u aktar olistiku li jindirizza r-raġunijiet għannuqqas ta' attività.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE⁵ għandu l-għan li jmxexxi miżuri rilevanti għaż-żmien qasir u dak medju li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab soċjali ser jieħdu jew għandhom jieħdu biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw min-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet. Jenfasizza, fost oħrajn, li t-titjib tar-rati ta' attività jirrikjedi firxa wiesgħa ta' politiki mfassla apposta għal kull grupp sottorappreżentat li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' attività fis-suq tax-xogħol.

Il-Pjan ta' Azzjoni jirrikonoxxi n-nisa, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, il-ħaddiema akbar fl-età, iż-żgħażaġh, il-persuni minn ambjent ta' migrazzjoni jew minn minoranza razzjali jew etnika u l-persuni b'diżabilità bħala gruppi tal-popolazzjoni li bħalissa mhumiex rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol.

Matul dan id-dibattitu ta' orjentazzjoni l-Ministri huma mistiedna jagħtu attenzjoni speċjali lill-isfidi li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh u l-ħaddiema akbar fl-età fir-rigward tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

Minkejja li sar titjib, huma meħtieġa sforzi sostnuti biex jingħelbu l-isfidi strutturali li jżommu liż-żgħażaġh lura fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fil-kuntest ta' nuqqas mifrux ta' ħaddiema u ħiliet.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: pjan ta' azzjoni (dok. 8153/24)

Iż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) huma sors mhux sfruttat ta' talent u innovazzjoni li, jekk jiġi indirizzat, jista' jikkontribwixxi għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali u jsaħħaħ id-dinamiżmu ekonomiku u tas-soċjetà. Fl-2022, fl-UE, filwaqt li r-rata ta' NEET qiegħda kienet 4.3 %, is-sehem ta' NEETs mhux attivi kien fuq livell pjuttost oġhla ta' 7.4 %⁶. L-għarfien tar-raġunijiet wara n-nuqqas ta' attività ekonomika tal-NEETs żgħażaġh huwa kruċjali biex titfassal politika ta' interventi mmirati. Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa tinkludi miżuri li jindirizzaw l-NEETs billi toffri impjieg ta' kwalità, edukazzjoni u t-taħriġ ulterjuri, apprendistati, jew traineeships wara li persuna ssir qiegħda jew titlaq mill-edukazzjoni formali.

It-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa mistenni li jkollu impatt fuq il-provvista ta' ħaddiema, li jnaqqas il-forza tax-xogħol, filwaqt li potenzjalment ikompli jaggrava n-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema fl-Unjoni. F'dan il-kuntest, ħajjiet tax-xogħol itwal u aktar f'saħħithom għandhom rwol importanti biex jappoġġaw il-provvista ta' ħaddiema u biex jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, filwaqt li jiggarantixxu l-koeżjoni soċjali, is-solidarjetà u t-trasferimenti tal-għarfien bejn il-ġenerazzjonijiet⁷.

Il-ħaddiema akbar fl-età huma aktar attivi fis-suq tax-xogħol minn qatt qabel, iżda għad hemm lok għal titjib, b'mod partikolari għan-nisa. Jeħtieġ li ssir enfasi akbar fuq ix-xogħol sostenibbli, iddefinit bħala l-interazzjoni bejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien b'tali mod li dawn jappoġġaw lin-nies biex jinvolvu ruħhom u jibqgħu jaħdmu tul ħajja tax-xogħol estiża⁸.

L-għarfien dwar il-ħtieġa għal intervent minn kmieni żdiedet f'dawn l-aħħar snin, u għadd ta' pajjiżi qed joffru miżuri ta' appoġġ għat-taħriġ immirati mhux biss lejn ħaddiema qiegħda li huma akbar fl-età iżda wkoll ħaddiema akbar fl-età li qed jiffaċċjaw bidla u/jew sensji biex jiffaċilitaw tranżizzjoni lejn kompiti ġodda mal-istess impjegatur jew tranżizzjoni diretta lejn impjieg ġdid. Inċentivi fis-sistema tal-pensjonijiet għal ħajja tax-xogħol itwal u biex il-pensjoni tiġi kkombinata ma' introjtu minn xogħol kif ukoll arranġamenti tax-xogħol flessibbli wkoll jistgħu jiffaċilitaw iż-żamma ta' ħaddiema akbar fl-età.

⁶ Rapport Konġunt dwar l-Impjieg, 2024 (ST 6073/24, p. 117).

⁷ Rapport Konġunt dwar l-Impjieg, 2024 (ST 6073/24, p. 22)

⁸ Xogħol sostenibbli tul il-ħajja kollha: Dokument kunċettwali - Eurofound, 2015 (p. 2)

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna għal skambju ta' fehmiet dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

- *X'inhuma l-isfidi ewlenin li jirriżultaw minn nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għat-tul ta' żmien qasir sa dak medju fl-Istat Membru tiegħek? Liema sejħiet għal azzjoni inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE huma l-aktar rilevanti għall-Istat Membru tiegħek?*
- *Liema miżuri fil-politika tal-impjegi jistgħu jikkontribwixxu biex jimmobilizzaw potenzjal mhux utilizzat ta' ħaddiema fl-Unjoni Ewropea? X'sinerġiji jista' jkun hemm bejn ir-riżorsi tas-settur pubbliku u dak privat biex jiffaċilitaw il-miżuri ta' politika li jkollha l-għan li tixpruna l-attività?*
- *Fl-Istat Membru tiegħek, hemm xi miżuri mmirati biex jippromwovu parteċipazzjoni akbar ta' żgħażaġh li jibdew il-karriera tagħhom u biex iħeġġu lill-persuni akbar fl-età jibqgħu fis-suq tax-xogħol?*
